**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Jannar, 2019**

**Talba Nru: 527/2018 PM1**

**Lucienne Vassallo Gatt (ID 394790(M))**

**Vs**

**Solar Engineering Limited (C 47487)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-disgha (9) ta' Novembru, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu l-attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess attrici s-somma ta' sitt mitt euro (€600) rapprezentanti danni sofferti minnha bhala konsegwenza tal-fatt li l-pannelli fotovoltajici mixtrija mill-istess attrici minghand is-socjeta` konvenuta "*mhux/ma kenux qed jiggeneraw l-elettriku li suppost qed jiggeneraw*" bl-ispejjez u l-imghax minn Marzu, 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2019 u lanqas fis-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attrici fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2019 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta. Fir-rigward tal-imghaxijiet dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja notifikata lis-socjeta` intimata fir-rigward ta' din it-talba.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal qieghed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' sitt mitt euro (€600) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja notifikata lis-socjeta` intimata fir-rigward ta' din it-talba.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**